

B'digriet tas-16 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) iddeċidiet li tiċħad l-appell, bħala parzjalment manifestament infondat u parzjalment manifestament inammissibbli u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha stess.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Nysie (il-Polonja) fil-21 ta' Diċembru 2020 – Centraal Justitiele Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB) vs AP

(Kawża C-699/20)

(2021/C 310/12)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy w Nysie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Centraal Justitiele Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB)

Konvenut: AP

B'digriet tat-8 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) iddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Sąd Rejonowy w Nysie, II Wydział Karny (Polska) (il-Qorti Distrettwali f'Nysa, Sezzjoni II: Sezzjoni Kriminali, il-Polonja), manifestament inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Mejju 2021 – VA vs Deutsche Rentenversicherung Bund

(Kawża C-283/21)

(2021/C 310/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landessozialgericht Nordrhein-Westfalen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VA

Konvenut: Deutsche Rentenversicherung Bund

fil-preżenza ta': RB

Domandi preliminari

- 1) Skont il-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, bħala l-Istat Membru responsabbli taħt it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali⁽¹⁾, perijodu ta' trobbija tat-tfal fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali⁽²⁾, għandu jiġi kkunsidrat mill-fatt li l-perijodu tat-trobbija tat-tfal fil-Pajjiżi l-Baxxi, purament bħala perijodu ta' residenza, jistabbilixxi drittijiet għall-pensjoni?

Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv:

- 2) L-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 987/2009, insegwitu għas-sentenzi tat-23 ta' Novembru 2000, Elsen ^(?) u tad-19 ta' Lulju 2012, Reichel-Albert ⁽⁴⁾, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' fis-sens li jfisser li l-Istat Membru responsabbli għandu jqis ukoll il-perijodu tat-trobbija tat-tfal jekk il-persuna li trabbi t-tfal, qabel u wara l-perijodu tat-trobbija tat-tfal, għandha perijodi ta' drittijiet għall-pensjoni minħabba taħriġ jew impjieg biss taħt l-iskema ta' dan l-Istat, iżda ma għamlitx kontribuzzjonijiet f'din l-iskema immedjatament qabel jew wara li rabbiet it-tfal?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

⁽²⁾ ĠU 2009, L 284, p. 1.

⁽³⁾ C-135/99, ECLI:EU:C:2000:647.

⁽⁴⁾ C-522/10, ECLI:EU:C:2012:475.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Kleve (il-Ġermanja) fl-14 ta' Mejju 2021 –
AB et vs Ryanair DAC**

(Kawża C-307/21)

(2021/C 310/14)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Kleve

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AB et

Konvenut: Ryanair DAC

Domanda preliminari

L-Artikolu 5(1)(ċ) u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-trasportatur tal-ajru li jopera huwa obligat iħallas il-kumpens f'każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira meta l-passiġġier ma kienx ġie informat b'dan mill-inqas ġimgħatejn qabel il-ħin tat-tluq skedat, inkluż meta dan it-trasportatur tal-ajru jkun bagħat l-informazzjoni fil-ħin qabel l-iskadenza ta' ġimgħatejn lill-uniku indirizz elettroniku li kien ġie kkomunikat lill-fil-kuntest tar-reżervazzjoni, mingħajr madankollu ma kien jaf li r-reżervazzjoni kienet twettqet permezz ta' aġent jew permezz tal-pjattaforma online tiegħu, u li l-indirizz elettroniku kkomunikat mill-pjattaforma ta' reżervazzjoni kien jippermetti l-iktar li jiġi kkuntattjat l-aġent, iżda mhux il-passiġġier direttament?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte d'appello di Venezia (l-Italja) fil-21 ta' Mejju
2021 – Agecontrol SpA vs ZR, Lidl Italia Srl**

(Kawża C-319/21)

(2021/C 310/15)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte d'appello di Venezia (l-Italja)